MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Emanuel Schembri ta' 19 sena, iben il-mejjet Joseph u Eileen nee Burrows imwieled Pieta', Fit-13 ta' Lulju, 1984, residenti fi Ninven Flat 3, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 343284 (M).**

**Ivan Buldakov ta' 15-il sena ta' nazzjonalita' Russa, Iben Alex u Zinaida Starostenko nee Kiseliova, Mwiled Moscow Russia, fit-3 ta' Awissu, 1988, Residenti fi 22 A, St Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba,**
**Passaport Russu bin-numru 50 No. 282809**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Emanuel Schembri u Ivan Buldakov li gew akkuzati talli fil-25 ta' Jannar, 2004 u f'dati ta' qabel, geww Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, iffalsifikaw biljetti tal-flus jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati u cioe biljett tal-flus tal-lira Maltija, liema biljett tal-flus kienu jafu li huwa falsifikat. Dan bi ksur tal-artiklu 45 tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtraw jew ircevew minghand xi persuna jew kellhom fil-kustodju jew pussess taghhom, biljett tal-flus falsifikat li kienu jafu li l-istess biljett tal-flus kien falsifikat. Dan bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

Rat li huma kkoperaw mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Rat ukoll l-ammissjoni bikrija fi stadju ta' interrogatorju.

Rat il-fedina penali li hija ghal kollox netta.

Semghet ukoll ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u li tista' titqies bhala 'childish folly'.

Rat l-artiklu 45 u 46 tal-Kapitlu 204.

Tilliberahom bil-konsegwenza li ma jaghmlux reat iehor ghal sena mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

Tordna l-konfiska ta' l-esebit Dok E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------